

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Air France vs UASI (Forma ta' parallelogramm)

(Kawża T-159/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta forma ta' parallelogramm — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 160/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Kumpanija Air France (Roissy-en-France, Franza) (rappreżentant: A. Grolée, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta' Jannar 2010 (Każ R 1018/2009-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal li jirrapreżenta forma ta' parallelogramm bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Il-kumpanija Air France hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 19.6.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Zitro IP vs UASI — Show Ball Informática (BINGO SHOWALL)

(Kawża T-179/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BINGO SHOWALL — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti SHOW BALL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 160/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Zitro IP Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Show Ball Informática Ltda (São Paulo, il-Brażil)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Frar 2010 (Każ R 666/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Zitro IP Sàrl u Show Ball Informática Ltda.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Zitro IP Sàrl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 19.06.2010.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2011 — Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-457/09 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat għar-ristrutturazzjoni ta' bank — Għeluq ta' fergħa bħala kumpens — Urġenza — Ibbilanċjar tal-interessi”)

(2011/C 160/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Rosenfeld u I. Liebach, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, B. Martenczuk u T. Maxian Rusche, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 2(1), moqri flimkien mal-punti 5.4, 5.7 u 6.7 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3900 finali, tat-12 ta' Mejju 2009, fil-Każ C-43/2008 (ex N 390/2008) dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Ġermanja għandha l-intenzjoni tagħti favur ir-ristrutturazzjoni ta' WestLB AG, deċiżjoni li għandha tinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 9525 finali, tal-21 ta' Diċembru 2010, fil-każijiet ta' għajnuna mill-Istat MC 8/2009 u C-43/2009 — Il-Ġermanja — West LB, sa fejn minn dan l-artikolu jirriżulta li l-operazzjonijiet ġodda ta' Westdeutsche ImmobilienBank AG għandhom jitwaqqfu wara l-15 ta' Frar 2011.

Dispożittiv

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

(2) Id-digriet tal-31 ta' Jannar 2011, Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni (T-457/09 R), huwa rrevokat.